MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Numru. 636/2006

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)

vs

Alan Attard

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alan Attard ta’ 18 il-sena, bin Felix u Pauline nee Zammit, imwieled Pieta fl-24 ta’ Settembru, 1988, u li joqghod Casa Felice, Numru 14, Triq Luigi Fontana, Zebbug, (Malta), detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 440788M, li gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’1 ta’ Gunju, 2006 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a. Mexxa bijetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorita legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew irceva minghand xi persuna jew persuni, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 48 tal-Kap. 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' anqas minn LM 100 ghad-dannu diversi pompi tal-petrol u sidien taghhom; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' fuel ta' inqas minn LM 100 minghand diversi pompi tal-petrol, ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess pompi tal-petrol; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 263 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat / i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u mmarkata bhala Dok. IA1.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2007 u cioe’ fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfronti ta’ l-imputat u meta sar l-ezami ai termini ta’ l-artikolu 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-difiza maghmula fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2007 fejn huma qablu li l-akkuzi (c) u (d) huma alternattivi.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti.

Ghal finijiet ta’ piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ghadda l-ammont in kwistjoni lill-ufficjal Prosekutur sabiex dan imbaghad jghaddih lil vittma u anke l-fatt li meta gie kommess ir-reat l-imputat kien minorenni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 263 u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddeciedi li tpoggih taht ordni ta’ probation ghal zmien sentejn millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul dan il-perjodu ta’ probation ta’ sentejn l-imputat igib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer.
2. Li l-imputat jibqa’ jzomm kuntatt kontinwu ma’ l-istess probation officer skond id-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.
3. Li l-imputat jgharraf minnufih lil Probation Officer b’kull tibdil ta’ residenza jew xoghol tieghu.
4. Li l-Probation Officer tipprezenta rapport bil-miktub kull sitt xhur dwar l-andament ta’ l-imputat.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita’ tieghu u x’jigri jekk hu jikkometti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija matul il-perjodu ta’ sentejn.

Il-Qorti tordna ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-flus foloz esebiti fis-seduta tat-28 ta’ Frar, 2007.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------